# MINUTI

## Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Fleur De Lys

## IT-TIENI LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 25

**9 ta' Jannar 2017**

Il-Kumitat Amministrattiv ltaqa' fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Birkirkara li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fil-5 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dott. Francesca Zarb – *Chairperson*
Is-Sur Anthony Gatt
Is-Sinjura Helen Montebello

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Is-Sur Lino Camilleri
Is-Sinjura Joanne Debono Grech, Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti ċ-*chairperson* Dott. Francesca Zarb, is-Sur Anthony Gatt u s-Sinjura Helen Montebello. Is-Sur Lino Camilleri u s-Sindku Joanne Debono Grech kienu assenti.

**25.1 Qari ta' l-ittri ta' apologija**

25.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija

**25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

25.2.1 Il-minuti tal-laqgħa 24 ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

**25.3 Kommunikazzjoni miċ-*chairperson***

25.3.1 Iċ-*chairperson* Dott. Francesca Zarb talbet lis-Segretarju jiċċekkja s-sitwazzjoni ta' *street lighting* fi Fleur de Lys u jistax jinqaleb għal LED peress li jkollha garr illi hemm nuqqas ta' dawl.

25.3.2 Iċ-*chairperson* Dott. Francesca Zarb talbet lis-Segretarju jiġbor kemm anzjani minn *Fleur de Lys* qed jattendu d-*Day Centre* ta' l-Anzjani u kemm qed jużaw it-trasport ipprovdut mill-Kunsill.

**25.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Membri**

25.4.1 Is-Sinjura Helen Montebello staqsiet jekk tistax issir *skip* għall-ħwejjeġ in-naħat ta' *Fleur de Lys* u ġie suġġeriet is-sit ta' Triq il-Passju.

**25.5 *Matters Arising***

25.5.1 Is-Sinjura Helen Montebello u s-Sur Anthony Gatt staqsew jistax isir xi ħaġa fl-isqaq fejn hemm Scotts, imqar grada jew xi dawl għax hemm il-periklu u dlam.

25.5.2 Iċ-*chairperson* Dott. Francesca Zarb ressqet ilment tan-nies dwar il-borża organika fejn huma żgħar wisq u jitqattgħu malajr. Is-Segretarju se jressaq l-ilment lil Wasterserv.

**25.6 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fil-5.40pm u ġiet aġġornata għas-6 ta' Frar 2017 fis-5pm.

Konfermati, illum 6 ta' Marzu 2017.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Dott. Francesca Zarb<br>*Chairperson* | Neil Spiteri<br>Segretarju Eżekuttiv |